REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1265

tal-20 ta' Lulju 2022

li jistabbilixxi miżuri kontra l-introduzzjoni u t-tixrid tal-virus Rose Rosette fit-territorju tal-Unjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1),

Billi:

(1) Il-virus tar-Rose Rosette ("il-pest speċifikat") u l-vettur tiegħu *Phyllocoptes fructiphilus* bħalissa mhumiex elenkati bħala pesti ta' kwarantina fl-Unjoni fl-Anness II, u lanqas bħala pesti rregolati mhux ta' kwarantina fl-Unjoni fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 ([2]). Il-pest speċifikat u l-vettur tiegħu mhumiex magħrufa li huma preżenti fit-territorju tal-Unjoni.

(2) L-analiżi tar-riskju fitosanitarju mwettqa mill-Organizzazzjoni Ewropea u Mediterranja għall-Protezzjoni tal-Pjanti (EPPO) ([3]) fl-2018, uriet li l-pest speċifikat u l-effetti ta' ħsara tiegħu jistgħu jkunu ta' ħassib sinifikanti għas-saħħa tal-pjanti fit-territorju tal-Unjoni, b'mod partikolari għall-produzzjoni tat-tipi kollha ta' ward.

(3) Minħabba t-tħassib sinifikanti għas-saħħa tal-pjanti kkawżat mill-pest speċifikat fit-territorju tal-Unjoni, ġiet adottata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1739 ([4]), li tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' pjanti, għajr żrieragħ, ta' *Rosa* spp. ("il-pjanti speċifikati") li joriġinaw minn pajjiżi terzi, fejn ikun magħruf li jeżisti l-pest speċifikat (il-Kanada, l-Indja u l-Istati Uniti), kif ukoll għal kontrolli uffiċjali li jridu jitwettqu fl-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni. Dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tipprevedi projbizzjoni għall-introduzzjoni tal-pest speċifikat fit-territorju tal-Unjoni, sottomissjoni immedjata ta' informazzjoni dwar il-preżenza suspettata tal-pest speċifikat u tal-vettur speċifikat tiegħu fl-Unjoni u regoli għal stħarriġiet dwar il-preżenza tiegħu fit-territorju tal-Unjoni.

(4) Mill-adozzjoni ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, ma ġiet irrapportata l-ebda interċettazzjoni tal-pjanti speċifikati infettati, matul l-introduzzjoni jew il-moviment tagħhom fit-territorju tal-Unjoni. Madankollu, il-pest speċifikat kompla jinfirex fil-Kanada, fl-Indja u fl-Istati Uniti.

(5) Il-konklużjonijiet tal-analiżi tal-EPPO għadhom validi sal-lum. Dik l-analiżi indikat li l-probabbiltà ta' dħul u stabbiliment tal-pest speċifikat, tad-daqs tat-tixrid u tal-impatt tiegħu fl-Unjoni, u tar-riskju fitosanitarju għat-territorju tal-Unjoni hija meqjusa bħala għolja.

(6) Barra minn hekk, it-tħassib dwar is-saħħa tal-pjanti indikat fl-analiżi tal-EPPO żdied mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1739, minħabba li l-pjanti speċifikati huma importati fl-Unjoni f'volumi dejjem aktar għoljin minn pajjiżi terzi fejn il-preżenza tal-pest speċifikat qed tespandi.

([1]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1).

([3]) EPPO (2018) Pest risk analysis for Rose rosette virus and its vector *Phyllocoptes fructiphilus*. EPPO, Pariġi. Disponibbli fuq https://gd.eppo.int/taxon/RRV000/documents.

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1739 tas-16 ta' Ottubru 2019 li tistabbilixxi miżuri ta' emerġenza kontra l-introduzzjoni u t-tixrid tal-virus Rose Rosette fl-Unjoni (ĠU L 265, 18.10.2019, p. 12).

(7) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-pest speċifikat jissodisfa l-kriterji stabbiliti fis-Subtaqsima 2 tat-Taqsima 3 fl-Anness I, tar-Regolament (UE) 2016/2031.

(8) Abbażi ta' dawk il-fatti, huwa stmat li hemm periklu imminenti għad-dħul u t-tixrid fit-territorju tal-Unjoni tal-pest speċifikat, sakemm il-miżuri previsti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1739, li japplikaw sal-31 ta' Lulju 2022 u li wrew li huma effettivi fil-prevenzjoni tad-dħul tal-pest speċifikat fit-territorju tal-Unjoni, ma jinżammux.

(9) Għalhekk huwa xieraq li jiġu previsti dawk il-miżuri f'dan ir-Regolament li jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Awwissu 2022 biex tiġi żgurata protezzjoni kontinwa tat-territorju tal-Unjoni mill-pest speċifikat.

(10) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika sal-31 ta' Lulju 2024. Tali perjodu ta' applikazzjoni huwa meħtieġ għal valutazzjoni tar-riskju sħiħa sabiex jiġi ddeterminat l-istatus tal-pest speċifikat.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "pest speċifikat" tfisser il-Virus Rose Rosette;

(b) "pjanti speċifikati" tfisser pjanti, għajr żrieragħ, ta' *Rosa* spp. li joriġinaw fil-Kanada, fl-Indja jew fl-Istati Uniti;

(c) "vettur speċifikat" tfisser *Phyllocoptes fructiphilus*.

Artikolu 2

Projbizzjoni dwar il-pest speċifikat

Il-pest speċifikat ma għandux jiġi introdott, imċaqlaq, miżmum, immultiplikat jew rilaxxat fit-territorju tal-Unjoni.

Artikolu 3

Informazzjoni dwar il-preżenza suspettata tal-pest speċifikat jew tal-vettur speċifikat tiegħu

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull persuna fit-territorju tal-Unjoni f'pussess tagħha jkollha pjanti li jistgħu jkunu infettati bil-pest speċifikat jew bil-vettur speċifikat tiegħu, tiġi avżata minnufih bil-preżenza jew bil-preżenza suspettata tal-pest speċifikat jew tal-vettur speċifikat tiegħu, bil-konsegwenzi u r-riskji possibbli u dwar il-miżuri rispettivi li jridu jittieħdu.

Artikolu 4

Stħarriġiet

L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu stħarriġiet annwali għall-preżenza tal-pest speċifikat u għall-vettur speċifikat tiegħu fuq il-pjanti ospitanti fit-territorju tagħhom.

Dawn l-istħarriġiet għandhom jinkludu kampjunar u ttestjar u għandhom ikunu bbażati fuq prinċipji xjentifiċi u tekniċi tajbin fir-rigward tal-possibbiltà li jinstabu l-pest speċifikat u l-vettur speċifikat.

Sat-30 ta' April ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bir-riżultati tal-istħarriġiet li twettqu fis-sena kalendarja preċedenti.

Artikolu 5

Rekwiżiti għall-introduzzjoni tal-pjanti speċifikati fit-territorju tal-Unjoni

1. Il-pjanti speċifikati għandhom jiddaħħlu fit-territorju tal-Unjoni biss jekk ikunu akkumpanjati minn ċertifikat fitosanitarju li jinkludi, taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni addizzjonali", stqarrija uffiċjali li jkun fiha waħda mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin:

(a) li l-pjanti speċifikati ġew prodotti f'żona ħielsa mill-pest speċifikat, irreġistrata u ssorveljata mill-Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti tal-pajjiż terz ta' oriġini, bl-indikazzjoni tal-isem taż-żona taħt l-intestatura "Post tal-oriġini";

(b) fil-każ tal-pjanti speċifikati għat-tħawwil, li:

(i) ġew prodotti f'post tal-produzzjoni fejn la s-sintomi tal-pest speċifikat u lanqas tal-vettur speċifikat ma ġew osservati waqt spezzjonijiet uffiċjali mill-bidu tal-aħħar staġun ta' tkabbir, u

(ii) ġew ikkampjunati u ttestjati għall-pest speċifikat qabel l-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni, u, abbażi ta' dawk it-testijiet, instabu li huma ħielsa minnu;

(c) fil-każ tal-pjanti speċifikati, għajr il-pjanti għat-tħawwil, li:

(i) ġew prodotti f'post tal-produzzjoni fejn la s-sintomi tal-pest speċifikat u lanqas tal-vettur speċifikat ma ġew osservati waqt spezzjonijiet uffiċjali mill-bidu tal-aħħar staġun ta' tkabbir; u

(ii) ġew spezzjonati u, f'każ tal-preżenza tal-vettur speċifikat jew tas-sintomi tal-pest speċifikat, ikunu ttieħdu kampjuni minnhom u ġew ittestjati qabel l-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni, u abbażi ta' dawk it-testijiet instabu li huma ħielsa mill-pest speċifikat;

(d) fil-każ tal-pjanti speċifikati f'kultura tat-tessuti li ma joriġinawx f'żona ħielsa mill-pest speċifikat, ġew prodotti minn pjanti omm li ġew ittestjati u nstabu ħielsa mill-pest speċifikat.

2. Il-pjanti speċifikati għandhom jiddaħħlu fit-territorju tal-Unjoni biss jekk jiġu mmanipulati, ippakkjati u ttrasportati b'mod li jimpedixxi l-infestazzjoni mill-vettur speċifikat.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Awwissu 2022 sal-31 ta' Lulju 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Lulju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN